

32004R0808

L 143/49

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.4.2004

**IR-REGOLAMENT (KE) Nru 808/2004 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
tal-21 ta' April 2004
dwar l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Kunsill Ewropew f'Lisbona f'Marzu 2000 stabbilixxa l-mira li l-Ewropa ssir, fi żmien għaxar snin, l-aktar ekonomija bażata fuq il-konozzenza kompetittiva u dinamika fid-dinja..
- (2) Il-Pjan ta' Azzjoni eEurope 2002 – adottat fil-Kunsill Ewropew ta' Febra f'Ġunju 2000, stabbilixxa proċess ta' fissar ta' miri u *benchmarking* sabiex l-Ewropa tingħieb *online* malajr kemm jista' jkun..
- (3) Il-Kunsill Ewropew f'Sivilja f'Ġunju ta' l-2004 adotta l-għanijiet tal-Pjan ta' Azzjoni eEurope 2005, li sejjaħ għal bażi legali biex tassigura l-forniment ta' *data* regolari u komparabbli fl-Istati Membri, u li tippermetti użu akbar ta' statistiċi uffiċjali dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni.
- (4) L-indikaturi strutturali wżati fir-Rapport annwali tar-Rebbergħa lill-Kunsill Ewropew jirrikjedu indikaturi bażati fuq informazzjoni ta' statistika koerenti mid-dominju tas-soċjetà ta' l-informazzjoni.
- (5) Il-proċess ta' *benchmarking* ta' l-eEurope bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' l-Ewropa jirrikjedi indikaturi bażati fuq informazzjoni ta' statistika koerenti mid-dominju tas-soċjetà ta' l-informazzjoni..
- (6) Jinħtieġu statistiċi armonizzati dwar l-użu ta' Teknoloġiji ta' l-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT) fl-intrapriżi fuq bażi annwali mis-servizzi tal-Kummissjoni..

(7) Jinħtieġu Statistiċi armonizzati dwar l-użu ta' l-ICT minn individwi u familji fuq bażi annwali mis-servizzi tal-Kummissjoni.

(8) In-natura li tinbidel malajr tad-dominju tas-soċjetà ta' l-informazzjoni titlob li l-istatistiċi li jkunu prodotti, jkunu adattati għall-iżviluppi l-ġodda. Dan jista' jiġi previst billi jkun hemm moduli b'terminu ta' żmien fiss u billi jitħalla jsir tibdil permezz ta' miżuri ta' implimentazzjoni li jieħdu kont tar-riżorsi ta' l-Istati Membri u l-piż fuq dawk li jirrispondu, kif ukoll il-fattibbiltà u affidabbiltà tar-riżultati..

(9) Il-produzzjoni ta' statistiċi speċifiċi tal-Komunità hija regolata mir-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità. ⁽²⁾.

(10) Peress li l-għan ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri l-istabbiliment ta' kwadru komuni għall-produzzjoni sistematika ta' l-istatistiċi tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni, ma jistax jinkiseb mill-Istati Membri b'mod individwali u jista' għalhekk, minħabba l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, l-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx 'il hinn minn dak meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(11) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri sabiex jiġu eżerċitati s-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ⁽³⁾.

(12) Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika, stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ⁽⁴⁾, ġie konsultat skond l-Artikolu 3 tagħha.,

⁽¹⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Jannar 2004 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' April 2004.

⁽²⁾ ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1. Regolament emendat mir-Regolament (KE) Nru. 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 184, 17.07.1999, p. 23.

⁽⁴⁾ ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 5

Artikolu 1

Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament għandu jkun biex jistabbilixxi kwadru komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika tal-Komunità dwar is-soċjetà ta' l-informazzjoni.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

- (a) "Statistiċi tal-Komunità" għandha jkollha t-tifsira mogħtija lilhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;
- (b) "produzzjoni ta' statistiċi" għandha jkollha t-tifsira mogħtija lilhom fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 322/97;
- (c) "perjodu ta' referenza" għandha tfisser perjodu li tirreferi għalih id-*data*;
- (d) "sena ta' referenza" għandha tfisser perjodu ta' referenza ta' sena kalendarja waħda;
- (e) "perjodu ta' ġbir" għandha tfisser perjodu speċifikat fil-miżuri ta' implimentazzjoni li matulu tinġabar *data*.

Artikolu 3

Kamp ta' applikazzjoni

1. L-istatistiċi li għandhom jiġu kompilati għandhom jinkludu l-informazzjoni rikjesta għall-proċess ta' *benchmarking* ta' l-Europe, u ta' siwi għall-indikaturi strutturali, u informazzjoni neċessarja oħra li tipprovdi bażi uniformi biex tiġi analiżżata s-soċjetà ta' l-informazzjoni.
2. L-istatistiċi għandhom ikunu miġbura fmoduli, kif imfisser fl-Annessi I u II.

Artikolu 4

Moduli

Il-moduli f'dan ir-Regolament għandhom ikopru d-dominji li ġejjin:

- intrapriżi u s-soċjetà ta' l-informazzjoni, kif imfisser fl-ANNESS I,
- individwi, familji u s-soċjetà informatika, kif imfisser fl-ANNESS II.

Manwal Metodoloġiku

Il-Kummissjoni, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri għandha tfassal u taġġorna skond kif ikun il-bżonn minħabba miżuri ta' implimentazzjoni ġodda, manwal metodoloġiku li jkun fil-linji gwida rakkomandati dwar l-istatistiċi tal-Komunità skond dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Trasmissjoni ta' data

1. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* aggregata u *metadata* mitluba minn dan ir-Regolament, u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, inkluża d-*data* aggregata kunfidenzali, lill-Kummissjoni (Eurostat) skond il-dispożizzjonijiet Komunitarji eżistenti dwar it-trasmissjoni ta' *data* soġġetta għall-kunfidenzali ta' l-istatistika. Dawk id-dispożizzjonijiet tal-Komunità għandhom japplikaw għat-trattament tar-riżultati, safejn jinkludu *data* kunfidenzali.

2. L-Istati Membri għandhom jittrasmettu d-*data* u l-*metadata* mitluba minn dan ir-Regolament fil-forma elettronika, skond standard ta' skambju miftiehem bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

Artikolu 7

Kriterja ta' kwalità u rapporti

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tistima l-kwalità tad-*data* trasmessa.

2. Il-Kummissjoni (Eurostat), b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri għandha tiżviluppa *standards* komuni rakkomandati, maħsuba biex jiżguraw il-kwalità (skond il-kriterji ta' kwalità *standard* ta' l-Eurostat) tad-*data* provduta. Dawn l-*standards* għandhom ikunu pubblikati fil-manwal metodoloġiku.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw il-kwalità tad-*data* trasmessa.

4. F'perjodu stabbilit wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għat-trażmissjoni tar-riżultati finali, l-Istati Membri għandhom jissupplixxu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport fuq il-kwalità tad-*data* trasmessa fuq il-bażi ta' l-*standards* imsemmija fil-paragrafu 2. Dawn ir-rapporti għandhom jispeċifikaw istanzi fejn dawn l-*standards* ma jkunux ġew imħarsa. Il-perjodu għandu jiġi maqbul matul l-iżvilupp tal-miżuri ta' implimentazzjoni.

Artikolu 8

Miżuri ta' implimentazzjoni

1. Il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-moduli ta' dan ir-Regolament għandhom jikkonċernaw is-selezzjoni u l-ispeċifikazzjoni, l-aġġustament u l-modifiki tas-suġġetti u l-karatteristiċi tagħhom, il-kopertura, perjodi ta' referenza u tqassim tal-karatteristiċi, l-perjodiċità u *timing* tal-provista tad-*data* u l-limiti ta' żmien għat-trażmissjoni tar-riżultati.

2. Għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija, fl-Artikolu 9(2), il-miżuri ta' implimentazzjoni, inkluż l-aġġustament u l-aġġornament ta' miżuri biex jittieħed kont tal-bidliet tekniċi u ekonomiċi, wara li jittieħed kont tar-riżorsi ta' l-Istati Membri, u l-piż fuq dawk li jirrispondu, l-fattibbiltà teknika u metodoloġika u l-affidabbiltà tar-riżultati.

3. Għandhom jitfasslu miżuri ta' implimentazzjoni minn ta' l-anqas disa' xhur qabel il-bidu ta' perjodu ta' għbir ta' *data*.

Artikolu 9

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 89/382/KEE, Euratom, hawnhekk aktar "il quddiem imsejjaħ" il-Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, għandhom japplikaw, wara li jkunu kunsidrati l-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri.

Magħmul fi Strasbourg, fil-21 ta' April 2004.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

P. COX

Artikolu 10

Finanzjament

1. Għal ta' l-anqas l-ewwel sena li fiha l-istatistiċi tal-Komunità kif previst fil-miżuri ta' implimentazzjoni adottati skond dan ir-Regolament jiġu prodotti mill-Istati Membri, l-Kummissjoni għandha tagħmel kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri biex tgħinhom ikopru l-ispejjeż tagħhom fil-produzzjoni, l-ipproċessar u t-trasmissjoni ta' dawk l-istatistiċi. L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja m'għandhiex teċċedi d- 90 % ta' dawn l-ispejjeż.

2. Il-kondizzjonijiet u l-proċeduri biex tingħata l-kontribuzzjoni finanzjarja, u għall-ħlas u l-kontroll tagħha għandhom ikunu skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru. 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾.

3. Jekk il-kondizzjonijiet tal-*budget* jippermettu, l-Kummissjoni għandha tkompli tagħti kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istati Membri sabiex tgħin u tikkompensa l-ispejjeż tal-forniment ta' dawn l-istatistiċi fis-snin ta' wara.

4. L-awtorità responsabbli mill-*budget* għandha tawtorizza l-appropriazzjonijiet disponibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja bħal din fil-kwadru tal-proċeduri annwali tal-*budget* tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 11

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.09.02, p. 1.

ANNEX 1

Modula 1: Intrapriżi u s-soċjetà ta' l-informazzjoni.(a) *Għanijiet*

L-Għan ta' dan il-modulu hu li jiġu provduti statistiċi fil-ħin dwar l-intrapriżi u s-soċjetà ta' l-informazzjoni. Dan il-modulu jipprovdi qafas għar-rekwiżiti f'termini ta' kopertura, tul u perjodiċità, suġġetti koperti, tqassim tal-provvista ta' *data*, u l-istudji pilota neċessarji.

(b) *Kopertura*

Dan il-Modulu jkopri l-attivitajiet ta' negozju fit-taqsimiet D u K u Diviżjoni 92 tal-klassifikazzjoni statistikali ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità Ewropea (NACE REV. 1.1). It-taqsimi J se tkun inklużi, bla ħsara għal studji pilota li jkunu saru qabel b'suċċess.

L-istatistiċi ser jinġabru għal unitajiet ta' intrapriżi.

(ċ) *Dewmien u perjodiċità tal-fornitura ta' data.*

L-Istatistiċi se jkunu provduti kull sena sa' ħames snin ta' referenza wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Mhux il-karatteristiċi kollha bilfors jiġu provduti kull sena; l-perjodiċità tal-provvista għal kull karatteristika se tkun speċifikata u maqbula, bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija f'Artikolu 8.

(d) *Suġġetti Koperti*

Il-Karatteristiċi li ser ikunu provduti sa jintagħżlu mill-lista ta' suġġetti li ġeja:

- Sistemi ta' l-ICT u l-użu tagħhom fl-intrapriżi,
- użu ta' l-Internet u *networks* elettroniċi mill-intrapriżi,
- proċessi ta' kummerċ elettroniku u *e-business*,
- kompetenza ta' l-ICT fl-unità ta' l-intrapriża u d-domanda għal kompetenza fl-ICT,
- ostakli għall-użu ta' l-ICT, internet u *networks* elettroniċi oħra, proċessi ta' kummerċ elettroniku u *e-business*,
- nefqa u investment fuq l-ICT,
- sigurtà ta' l-ICT,
- effetti osservati ta' l-użu ta' l-ICT fuq l-intrapriżi.

Mhux is-suġġetti kollha jkunu koperti kull sena.

(e) *Tqassim tal-provvista tad-data*

Mhux it-tqassim kollu bilfors ikunu provdut kull sena; t-tqassim mitlub jinġabar mill-lista li ġeja u jsir qbil dwaru bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni:

- permezz ta' klassi skond id-daqs,
- skond l-intestatura NACE,
- skond ir-reġjun: tqassim reġjonali għandu jkun limitat għal mhux aktar minn tlett raggruppamenti.

(f) *Studji pilota*

Kulmeta jkunu identifikati b'zonnijiet ta' *data* ġodda jew meta tkun mistennija *data* ta' kwalità baxxa, l-Kummissjoni tistitwixxi studji pilota li għandhom jitlestew fuq bażi volontarja mill-Istati Membri qabel ġbir ta' kwalunkew *data*. Studji pilota b'hal dawn jitwettqu sabiex tiġi stmata l-fattibbiltà tal-ġbir tad-*data* rilevanti, wara li jiġu meqjusa l-benefiċċji tad-disponibilità tad-*data*, u l-piż fuq dawk li jirrispondu.

ANNEX II

Modula 2: Individwi, familji u s-soċjetà ta' l-informazzjoni(a) *Għanijiet*

L-għan ta' dan il-modulu hu l-provvista fil-ħin ta' l-istatistiċi ta' l-individwi, l-familji u tas-soċjetà ta' l-informazzjoni. Dan il-modulu jipprovdi qafas għar-rekwiżiti f'termini ta' kopertura, dewmien u perjodiċità, suġġetti koperti, tqassim tal-provvista tad-data u kull studju pilota neċessarju.

(b) *Kopertura*

Dan il-modulu jkopri l-istatistiċi dwar individwi u familji.

(c) *Dewmien u perjodiċità tal-provvista tad-data*

L-istatistiċi jiġu provduti kull sena sa' ħames snin ta' referenza wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Mhux il-karatteristiċi kollha bilfors ikunu provduti kull sena; l-perjodiċità tal-provvista għal kull karatteristika sa tkun speċifikata u mqabbla bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni msemmija f'Artikolu 8.

(d) *Suġġetti koperti*

Il-karatteristiċi li għandhom jiġu provduti jinġabru mill-lista ta' suġġetti li ġeja:

- aċċess u l-użu tas-sistemi ta' l-ICT minn individwi u/jew familji,
- użu ta' l-internet għal raġunijiet differenti minn individwi u/jew familji,
- sigurtà ta' l-ICT,
- kompetenza ta' l-ICT,
- ostakli ta' l-użu ta' l-ICT u l-Internet,
- effetti osservati ta' l-użu ta' l-ICT fuq l-individwi u/familji.

Mhux is-suġġetti kollha jkunu koperti kull sena.

(e) *Tqassim tal-provvista tad-data.*

Mhux it-tqassim kollu bilfors ikun provdut kull sena; it-tqassim mitlub jinġabar mill-lista li ġeja u jitqabbel bħala parti mill-miżuri ta' implimentazzjoni:

A. għal statistiċi provduti lill-membri tad-dar:

- skond it-tip ta' familja;

B. għal statistiċi provduti minn individwi:

- skond l-età,
- skond is-sess,
- skond il-livell ta' edukazzjoni,
- skond l-impjeg,
- skond ir-reġjun.

(f) *Studji pilota*

Kulmeta jkunu identifikati b'zonnijiet ta' *data* ġodda, jew tkun mistennija kwalità ta' *data* baxxa, l-Kummissjoni sa tagħmel studji pilota li għandhom jitlestew fuq bażi volontarja mill-Istati Membri, qabel kwalunkwe ġbir ta' *data*. Studji pilota b'hal dawn għandhom jitwettqu sabiex tiġi stmata l-fattibbiltà tal-ġbir ta' *data* rilevanti, wara li jittieħed kont tal-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-*data* meta mqabbla ma' l-ispejjeż ta' ġbir u l-piż fuq dawk li jirrispondu.
